**22 ta' Mejju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Maria Caruana

*versus*

Carmelo Muscat

***Bżonnijiet tad-Dar — Mara — Art. 1015 tal-Kodiċi Ċivili***

*Il-mara, fil-konvenzjonijiet dwar il-bżonnijiet tad-dar ordinarji u ta' kulljum, bħal ma hu xiri ta' ġeneri alimentari għall-familja, hija l-mandatarja ta' żewġha, u għalhekk hija tirrappreżentah quddiem it-terzi; u sakemm it-terzi ma jkollhom ebda dubju mir-raġel, jew sakemm il-konvenzjoni ma toħroġx mil-limiti mposti mil-liġi, it-terzi jikkuntrattaw sewwa mal-mara, u mhumiex obligati li jindagaw jekk ir-raġel iridx jew le li martu tiddejjen, jew jekk huwa jagħtihiex jew le flus biżżejjed għall-bżonnijiet tal-familja. Għaldaqstant, xejn ma tiswa l-allegazzjoni tar-raġel li hu mhux responsabbli għad-dejn li tagħmel martu fl-akkwist ta' dawn l-affarijiet, għax fiż-żmien li hija ddejnet huwa kien jagħtiha flus biżżejjed għall-bżonnijiet tad-dar.*

*Kwantu għal affarijiet oħra, ir-raġel ma hux obligat iħallas id-dejn ta' martu jekk ma jiġix pruvat li martu kkuntrattat bl-awtorizzazzjoni tiegħu, u l-onere ta' din il-prova jinkombi fuq it-terz li kkuntratta mal-mara.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talbet li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attriċi s-somma ta' £36. 3. 2, bilanċ ta' sommo akbar, prezz ta' merċi u għamara lilu mibjugħa u kunsinnata. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-mandat ta' qbid tas-27 ta' Awissu 1957, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-kreditu tal-attriċi jikkonsisti fi prezz ta' merċi u fi prezz ta' għamara. L-atteġġjament tal-konvenut fil-kawża huwa illi, għar-rigward tal-merċi, dawn jinsabu mħallsa, u għar-rigward tal-għamara, dawn ma ġewx mixtrija minnu, u, jekk xtrathom martu, dan kien mingħajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni tiegħu. Għalhekk hu xieraq li ż-żewġ krediti jiġu eżaminati separatament;

Illi, kwantu għall-kreditu għall-prezz ta' merċi, il-prova tal-pagament għandha ssir mill-konvenut, li qiegħed jallega dan il-pagament. Huwa ġieb bħala xhud . . . . .;

Illi xejn ma jiswa, anki li kien minnu, li l-konvenut fiż-żmien tal-prestazzjonijiet in kwistjoni kien jagħti lill-martu minn £5 sa £6 fil-ġimgħa għall-bżonnijiet tad-dar; għaliex, skond l-interpretazzjoni kostanti tal-Qrati Tagħna, il-mara, fil-konvenzjonijiet kontemplati fl-art. 1015 tal-Kodiċi Ċivili, bħal ma hu x-xiri ta' ġeneri alimentari għall-familja, hija l-mandatarja ta' żewġha, u għalhekk hija tirrappreżentah quddiem it-terzi; u sakemm dawn it-terzi ma jkollhom ebda diffida mir-raġel, jew sakemm il-konvenzjoni ma toħroġx mil-limiti mposti mil-liġi, it-terzi jikkuntrattaw sewwa mal-mara, u mhumiex obligati li jindagaw jekk ir-raġel iridx jew le li martu tiddejjen, jew jekk huwa jagħtijhiex jew le flus biżżejjed għall-bżonnijiet tal-familja (Kollez. XXI-II-364; XXVI-I-340; XXVIII-I-911; P.A. 15 ta' Diċembru 1956 in re "Borg vs. Gerada"; u P.A. 11 ta' Jannar 1957 in re "Conti vs. Debono");

Illi, kwantu għall-prezz tal-għamara, l-onere tal-prova jaqa' fuq l-attriċi, fis-sens li hija obligata turi għas-sodisfazzjon tal-ġudikant li l-konvenut awtorizza lill-martu takkwistaha. F'dan ir-rigward, l-attriċi xehdet . . . . . . ;

Illi dawn iċ-ċirkustanzi, fil-fehma tal-Qorti, juru li l-bejgħ tal-għamara sar bl-approvazzjoni anki tal-konvenut. Veru li Giovanna Muscat xehdet li żewġha ma kienx jaf b'dak ix-xiri, iżda d-depożizzjoni tagħha mhix attendibbli . . . . . .;

Illi, kwantu għall-konsistenza tal-kreditu, dan huwa suffiċjentement pruvat;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba tal-attriċi; bl-ispejjeż.